Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)
Gurisdizzjoni Superjuri
Sezzjoni Generali

Maġistrat Dottor Brigitte Sultana LL.D, LL.M (Cardiff) Adv. Trib. Eccl. Melit.

Fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni numru: 33/2019 BS

Lorraine Spiteri Singh u Amand Dee Singh (KI 24692 G)

Vs

Enemalta plc et

Illum 10 ta' Ottubru 2019

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

Fl-20 ta' Settembru 2019 Lorraine Spiteri Singh u Amand Dee Singh (minn issa 'l quddiem imsejjħa "ir-rikorrenti"), ippreżentaw rikors minn li permezz tiegħu talbu l-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni kontra l-Enemalta plc, ARMS Ltd., u Francis Schembri (minn issa 'l quddiem imsejħin "l-intimati");

Fl-20 ta' Settembru, 2019, ingħata digriet li permezz tiegħu l-Qorti laqgħet ir-rikors proviżorjament u tat lill-intimati żmien għar-risposta ;

L-intimati ġew notifikati fl-20 ta' Settembru 2019;

Fl-24 ta' Settembru, 2019 l-intimati Enemalta plc u ARMS Ltd. intavolaw ir-risposta tagħhom. L-intimat Francis Schembri ma ppreżentax risposta.

Fl-04 ta' Ottubru 2019, waqt is-seduta xehed l-intimat Francis Schembri u rappreżentant ta' ARMS Ltd li ppreżenta wkoll dokumenti Dok RB1 sa RB3. Dak inhar stess l-avukati ttrattaw ir-rikors li tħalla għal digriet kamerali.

Rat l-atti tar-rikors u tal-mandat inklużi d-dokumenti esibiti;

**IT-TALBA**.

Ir-rikorrenti qed jitlobu lill-Qorti tordna l-Ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni sabiex l-intimati jinżammu milli personalment jew premezz ta' terzi jaqtgħu u jwaqqfu jew jinterrompu l-provvista tad-dawl u/jew ineħħu ossia jaqilgħu l-meter tad-dawl mill-fond magħruf bħala "Kohinoor", fi Triq Marina, Malsalforn, limiti ta' Żebbuġ, Għawdex;

IR- **RISPOSTA TA' L-INTIMATI**

L-intimati talbu illi t-talba tar-rikorrenti ghandha tiġi miċħuda.

**ID-DRITT.**

Il- mandat t'inibizzjoni il-liġi tgħoddu bħala wieħed mill-atti kawtelatorji (Artiklu 830(1)(ħ) kodiċi ritwali);

Illi l-liġi tgħid ukoll li "**Il-Qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li għandu dawk il-jeddijiet"** ;

Għalhekk minn qari akkurat tas-subincizi (1) u (2) tal-Art 873 tal-Kap 12, jirriżulta illi l-Qorti hija prekluża milli tordna l-ħruġ tal-Mandat, sakemm ma jikkonkorrux ir-rekwiżiti li ġejjin :-

a) Il-Mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrenti ;
b) Ir-rikorrenti ghandhom dawk il-jeddijiet sal-livell tal-*prima facie* ;
c) Jekk it-talba għall-ħruġ tal-Mandat ma tiġix milqugħa, il-preġudizzju li jġarrbu r-rikorrenti jkun irrimedjabbli.

**ĠURISPRUDENZA**

Rigward l-element tal-*prima facie* il-Qorti tal-Appell[1] ikkonkludiet illi dan huwa rekwiżit oġġettiv u mhux soġġettiv. Ma hix kwestjoni ta' diskrezzjoni tal-ġudikant. Fi kliem ieħor il-jedd irid jidher '*prima facie*', jiġifieri ma' l-ewwel daqqa t'għajn.

L-elementi li jwasslu għall-ħruġ tal-Mandat huma kumulattivi mhux alternattivi u għalhekk jekk xi wieħed minnhom ma jirriżultax, il-Qorti hija obbligata tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-Mandat.

Il-proċedura tal-Mandat hija eċċezzjonali u straordinarja[2].

Il-proċedura hija wkoll waħda sommarja. Dan ifisser illi quddiem din il-Qorti ma hux mistenni illi jitressqu dawk il-provi illi għandhom jitressqu waqt il-kawża dwar il-jedd u għalhekk dan ifisser wkoll illi meta tintlaqa' it-talba għall-ħruġ tal-mandat dan ma jkunx ifisser illi dak il-jedd ġie ippruvat u daqstant ieħor illi il-jedd ma jeżistix meta it-talba għal ħruġ tal-mandat ma tintlaqax. Il-mansjoni ta' din il-Qorti huwa limitat u ċirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-ligi sabiex ikun operattiv Mandat ta' Inibizzjoni.

**RIŻULTANZI**

**a) Jedd *prima facie***

Mix-xhieda ta' l-intimat Francis Schembrui jirriżulta illi r-relazzjoni bejnu u bejn ir-rikorrenti hija regolata permezz ta' *Management contract*. Ir-responsabbilita' ta' ħlas ta' kontijiet tispetta lill-intimat u r-rikorrenti ghandhom f'idejhom l-immaniġġjar tar-ristorant. Infatti Francis Schembri xehed hekk :

**"Il-kontijiet suppost ħallasthom jien. Sewwa ? Hi kulma kellha Management ta' dan ir-restaurant."**

[1] Grech pro et noe v Manfre', Qorti ta' l-Appell, deċiża 14 ta' Lulju, 1988.
[2] Ulrich Barfuss v Perit John u Mariella konjuġi Gambina, Rik. Nru. : 1103/19, 26 ta' Settembru, 2019

Dan ifisser illi r-rikorrenti għandhom il-jedd illi jaraw illi il-provvista tad-dawl ma tiġix interrotta billi tali provvista hija għodda sabiex huma jesegwixxi l-obbligi illi jemanu mill-kuntratt imsemmi.

Tenut kont ta' dan kollu il-Qorti tqis illi ġia la darba jissussisti l-jedd *prima facie* tar-rikorrenti li jitlobu l-hruġ tal-Mandat l-ewwel rekwiżit huwa ppruvat.

**b) Il-ħtieġa tar-rikorrenti.**

Rigward dan l-element il-Qorti[3] affermat illi :

**".... l-ħtieġa għall-ħruġ ta' Mandat bħal dan tintrabat sewwa mal-fatt jekk il-ħsara li minnha l-parti rikorrenti tilmenta tistax tkun waħda li ma tistax tissewwa mod iehor. Jekk l-inkonvenjent jew il-ħsara lamentat jista' jitneħħa, imqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu, jiġi nieqes it-tieni element meħtieġ għall-ħrug tal-Mandat**."

Fil-każ odjern jirriżulta illi l-utent reġistrat ma' l-ARMS Ltd. huwa l-intimat Francis Schembri. Ir-Rappreżentant ta' l-ARMS Ltd., Reuben Bonnici kkonferma illi l-persuna illi trid tapplika sabiex is-servizz jiġi maqtugħ huwa l-utent reġistrat. Mir-risposta ta' l-intimati Enemalta plc. u ARMS Ltd., jirriżulta illi tali applikazzjoni tiġi pproċessata wara illi l-utent ikun ħallas id-dejn kollu. Jirriżulta illi l-intimat Francis Schembri applika biex is-servizz jinqata'. Imbagħad ħallas id-dejn fit-30 ta' Awissu, 2019 u fit-3 ta' Settembru, 2019 biex b'hekk twittiet it-triq għal ipproċessar ta' l-applikazzjoni tiegħu.

Tenut kont ta' dan kollu il-Qorti tqis illi l-element tal-ħtiega jissussisti ghaliex huwa ċar illi bħala l-utent reġistrat il-muftieħ jinsab f'idejn l-intimat Francis Schembri.

**It-tieni rekwiżit huwa għalhekk ppruvat.**

c) **Il-preġudizzju rrimedjabbli tar-rikorrenti**

Filwaqt illi l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa mezz proċedurali eċċezzjonali ta' provvediment legali l-mira tal-liġi huwa illi jekk ma jkunx għall-ħruġ tal-

3 Ohanebo et noe vs Kummissarju tal-Pulizija ; Rik. Nru. : 1935/09; 18 ta' Diċembru, 2009

Mandat, il-jedd li jista' jkollu r-rikorrent jitneħħa darba għal dejjem u dan b'mod irrimedjabbli. Il-Qorti hija tal-fehma li fil-kaz odjern, jekk t-talba għall-ħruġ tal-Mandat tkun respinta, il-jedd tar-rikorrenti jghaddi minn diffikultajiet oġġettivi u difficli ta' natura prattika u legali.

**It-tielet rekwizit huwa ppruvat ukoll.**

**PROVVEDIMENT**

Għar-raġunijiet kollha premessi, billi hija sodisfatta li jissussistu r-rekwiżiti kollha, il-Qorti qegħda tilqa' t-talba tar-rikorrenti għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni kif dedotta kontra l-intimati.

Kull parti tbati l-ispejjeż tagħha.

(ft.) Brigitte Sultana
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur